# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Legislatura

Laqgħa Numru 14/2019

30 ta' Ottubru, 2019

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula: | Sindku |
| Francis Callus | Viċi-Sindku |
| Joanna Abdilla: | Kunsilliera |
| Publio Abdilla: | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

14.1 Aċċettazzjoni ta' Kariga ta' Viċi Sindku

Is-Sindku s-Sur Johan Mula talab lill-Kunsillier Francis Callus li kiseb it-tielet l-ogħla għadd ta' voti mal-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit politiku li fl-elezzjoni kiseb il-maġġoranza assoluta ta' kunsillieri, jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku.

Il-Kunsillier Francis Callus quddiem il-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustizzja Dr. Matthew Brincat aċċetta l-kariga ta' Viċi-Sindku u ffirma dikjarazzjoni u għaddieha lis-Segretarju Eżekuttiv.

14.2 Elezzjoni Każwali – Ħatra tal-Kunsillier is-Sur Mark Cocker

Is-Sur Mark Cocker quddiem il-preżenza tal-Kummissarju tal-Ġustissja Dr Matthew Brincat aċċetta l-kariga ta’ kunsillier u ffirma dikjarazzjoni u għaddiha lis-Segretarju Eżekuttiv.

14.3 Qari tal-ittri ta’ apoloġiji

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi ma kienx hemm ittri ta’ apoloġiji u li l-Kunsillier is-Sinjorina Joanna Abdilla kienet ser tasal ftit tard.

14.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

14.4.1 Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-Laqgħa preċidenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

Punti mill-Minuti

14.4.2 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi ref punt 13.9 (għajnuna għall użu mill-facilitajiet għall sessjonijiet ta’ taħrig u laqgħat) qisha ma tkomplix.

14.4.3 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 13.10.2 l-aħħar sentenza l-aħħar kelma għandha ssir għall-egħlieqi.

14.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi ref punt 13.4.8 (notice board pjazza) il-Kunsill kien issiġerixxa illi n-notice board tista’ teħel fejn is-sorijiet, huwa qal illi hekk it-tabella kienet ser tiġi tħares lejn iż-Żurrieq biss. Is-Sindku qal illi huwa kien mar jiċċekja it-tabella u qal li t-tabella mhix tmiss mal-ħajt u li l-Kunsill seta’ jwaħħal li jrid fuq il-bankina’. Is-Sindku spjega illi mas-sensara kien sar agreement minħabba r-reklami mal-għamara tat-toroq. Huwa qara l-agreement li kien sar mas-sensara lill-Kunsill. Il-Kunsill qabel illi għandha tintbagħat ittra ta’ spjegazzjoni sabiex hija tonora dan l-agreement.

14.4.5 Is-Sindku qal illi fl-ATM issa jistgħu isiru d-deposits ukoll.

14.4.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi kien ħawwel ftit ġiżi fiċ-central strip quddiem iċ-ċimiterju.

14.4.7 Is-Sindku ta' d-dettalji tal-uniċi żewġ persuni illi kienu talbu sabiex imorru għall-study visit f'Santiago di Compostela. Il-Kunsill qabel li għandhom imorru.

Is-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 17:55

14.4.8 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus staqsa jekk ref punt 13.4.7 (parking for light cars only fi Triq il-Ħajt Ruman) konniex ktibna lill-Transport Malta.

14.4.9 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi kienu avviċinawh tal-kamra tan-nar sabiex jaraw fejn kienu ser jiġu t-toqob għan nar tal-art fi Triq il-Kuċċard. Is-Sindku qal illi din kienet xi ħaġa li kellhom jissuġerixxu tan-nar stess u li l-probabilita' li kellhom jinżammu l-istess toqob li saru din is-sena. Il-Viċi Sindku talab sabiex min jieħu ħsieb l-armar tan-nar jieħu ħsieb sabiex ma jsirux inċidenti.

14.4.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ref punt 12.7 (gym equipment ġdid) jekk konniex għażilna il-ġym equipment. Is-Segretarju Eżekuttiv kkonfermat illi kienet saret l-għażla.

14.4.11 Is-Sindku qal illi ref punt 13.4.1 (siġar fl-area tal-Ħlantun) is-siġar li kienu qrib xulxin kienu inqalgħu u reġgħu tħawlu flok is-siġar li kien nsterqu.

14.4.12 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi ref punt 13.4.10 (talba għal użu tas-sala) kienet qaltilhom sabiex javviċinaw lill-Kappillan.

14.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

14.5.1 Is-Sindku qal illi kif kien miftiehem il-bankini fi Triq l-Iskola ma kellhom jinbidlu pero' il-Water Services Corporation sabu problema u qed jissuġerixxu illi s-servizzi kollha tal-ilma jinbidlu minħabba ħsarat li jkun hemm fil-futur. Is-Sindku qara e-mail li l-Kunsill irċieva mingħand Infrastructure Malta u saret diskussjoni. Il-Kunsill qabel illi l-bankini fi Triq l-Iskola ma jinbidlux u jibqgħu madum kif inhuma u l-Kunsill qabel ukoll illi għandna nixtru kemm nistgħu madum bħala riserva għal quddiem meta jinbidlu xi servizzi tal-ilma.

14.5.2 Is-Sindku qal illi għat-18 ta' Diċembru 2019, ser ikkollna stedina għall-Concert tat-tfal tal-Iskola.

14.5.3 Is-Sindku staqsa jekk il-Kunsill kellux xi suġġeriment x'tista' tissejjaħ l-attivita li ser norganizzaw nhar il-Ħadd 29 ta' Diċembru, 2019. Il-Kunsill qabel fuq it-titlu ta' 'Festa Familja'. Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kien hemm inizjattiva sabiex isir għarfien aktar sabiex isir użu tajjeb mill-ilma u ssuġerixxa illi issir esebizzjoni għal waqt din l-attivita'. Il-Kunsill qabel.

14.5.4 Is-Sinkdu fakkar illi bejn it-2 u 5 ta' Diċembru, 2019 ser jerġa' ikollna seminar ieħor din id-darba fuq l-imigrazzjoni u ta rendikont x'ser isir waqt din il-konferenza.

14.5.5 Is-Sindku qal illi fil-fehma tiegħu l-konferenza tal-Kultura li kellna f'Ottubru kienet marret tajjeb ħafna u kellna kliem ta' tifħir kbir. Il-Kunsill kollu kien sodisfatt bil-konferenza.

14.5.6 Is-Sindku qal illi kien hemm bżonn illi terġa' ssir żabra lis-sigar li kienu fil-ogħli u li kellna bżonn cherry picker għalihom. Is-Sindku talab lill-Kunsillier responsabbli sabiex issir lista' ta' siġar li għandhom bżonn iż-żabra.

14.5.7 Is-Sindku qal illi kien irċeva talba sabiex jitweħħel bin għall-ħmieġ tal-klieb fi Triq San Ġorg. Il-Kunsill qabel li għandu jeħel fejn  Sqaq Ħannux.

14.5.8 Is-Sindku qal illi kienet daħlet talba sabiex issir vending machine fil-bandli. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kellu jagħti l-permess tal-vending machine biss u li l-kuntrattur tal-magna ser ikun responsabbli għaż-żamma tiegħu.

14.5.9 Is-Sindku qal illi kienet avviċinatu persuna minn Triq ta' Rqajja għaliex il-biċċa tal-bankina quddiem id-dar tiegħu qatt ma kienet saret. Il-Kunsill qabel li għandha tiġi rranġata l-bankina quddiem żewġt idjar fi Triq ta' Rqajja.

14.5.10 Is-Sindku qal li kellna l-kwistjoni tas-sieqja tal-ilma l-fuq  minn Ġnien ta' Ball, issa li kien neħħa s-sieqja kien qiegħed jitlob lil kunsill sabiex issir manhole b'katusa li tieħu l-ilma tax-xita fl-ghelieqi  tiegħu. Il-Kunsill qabel illi l-Kunsill jixtri l-gradilja u l-persuna li qed jagħmel din it-talba jagħmel ix-xogħol hu stess.

14.5.11 Is-Sindku qal illi l-mutur tal-ħart kien qiegħed jagħtina ħafna problem. Il-Kunsill qabel illi għandna nixtri wieħed ġdid għaliex ma kienx viabbli li tibqa' tirranġa.

14.5.12 Is-Sindku qal illi kellu talba sabiex issir pedestrian crossing  fi Triq San Gwann viċin l-istage. Il-Kunsill qabel illi għandna nagħmlu t-talba ma' Transport Malta sabiex naraw fejn l-aħjar għandha ssir il-pedestrian crossing.

14.5.13 Is-Sindku qal illi l-Kunsillier is-Sur Mark Cocker kellu jżomm id-dikasteri li kellha l-ex Viċi Sindku li huma l-Anzjani , Komunita'  Kummercjali u Innovazzjoni kif ukoll Trasport u Traffiku.

14.6 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

14.6.1 Il-Viċi Sindku qal illi kien hemm bżonn li jitpoġġa l-valenu tal-grieden fi Triq iż-Żurrieq u li l-Kunsill għandu jagħfas sabiex il-Parkeġġ fi Triq il-Ħajt Ruman jiġu 'for light cars only'.

14.6.2 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li xtaq illi d-dħul għal ġor-raħal ikun jilqak u li l-bnadar kull tant żmien għandhom jinbidlu u jitilgħu filgħodu u filgħaxija jew tinżel jew tinxtegħel.

14.6.3 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi jixtieq illi proġett ieħor li jsir huwa li l-pjazza għandha ssir pavimentar u sistema ta' trasport one way. Is-sindku qal li dan irid isir kunsultazzjoni sħiħa fuqha, u stieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu għal laqgħa li kienet ser issir l-għada ma wieħed sabiex isir studju ta' traffic management. qal illi l-għada kienet ser issir laqgħa u min mill-Kunsillier xtaq jattenda seta' jattendi. Is-Sindku qal illi dan il-proċess huwa wieħed twil għaliex irid traffic management sħiħ u qabel ma jkollna pjan sew ma nistgħux nibdew.

14.6.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal illi x-xewqa tiegħu li l-Kunsill jagħti protezzjoni lill-Ħajt Ruman u t-Torri ta' Gawhar. Is-Sindku qal illi t-Torri ta' Gawhar qiegħed fi proprjeta' privata u l-Kunsill qabel li ma tantx kien hemm x'wieħed jista' jsalva.

14.6.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi il-play li ser issir mill-fondi miksubu minn Reġjun Nofsinhar kienet ser issir nhar is-Sibt 7 ta' Diċembru. Is-Sindku staqsa rigward l-inviti sabiex ikunu jistgħu jinħarġu invit lill-President tar-Reġjun, l-Kunsilliera u l-Kappillan u l-kap tal-Iskola.

14.6.6 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi festa roti kien għad iridu jistabilixxu l-ġranet.

14.6.7 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi żagħżagħ li jattendu l-Junior College kellhom jagħmlu proġett għas-Systems of Knowledge bħala volontarjat. Hija qalet illi kienet talbet lil min avviċinha sabiex jara min kien hemm interessat u li kienet għamlet is-suġġeriment illi jiffurmaw bħala Kunsill Lokali Zagħzagħ. Il-Kunsill qabel u kien hemm qbil li nistgħu ninkluduhom anki waqt l-attivita' li ser kellna tad-29 ta' Diċembru 2019. Il-Kunsill qabel ma din l-inizjattiva.

14.6.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet illi l-inizjattiva sabiex Ħal Safi jkun hawn scouts kienet miexja l-quddiem u li kienu ser jibdew għal bidu tas-sena d-dieħla. Il-Kunsill qabel illi l-grupp ikun jista' jagħmel użu mis-sala u l-grawnd għal laqgħat.

14.6.9 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi fi Triq in-Nassaba hemm tabella li qiegħda l-isfel u għalhekk għandha titla l-fuq.

14.6.10 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-kameras li għandna Misraħ Ħlantun humiex jiffunzjunaw u min jieħu ħsiebhom. Is-Sindku qal li kien iċċekkja ma Malta Tourism Authority pero' ma kienx għad għandu risposta.

14.6.11 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal illi Sqaq Ħannux u Sqaq San Frangisk it-tnejn huma mudlama fin-nofs tal-isqaq u ssuġerixxa li għandhom jiżdiedu bid-dawl. Il-Kunsill iddiskutew dan u qablu illi fi Sqaq San Frangisk aktar jixraq li jeħel fanal milli bozza.

14.6.12 Il-Kunsillier is-Sur Public Abdilla staqsa jekk l-isqaq fejn hemm is-shooting range fejn il-Medavia hux privat, u qal ill jekk ma jkunx privat għandu jitnaddaf u jitħawlu siġar sabiex jiġi aktar sabiħ.

14.7 Rapport

Approvazzjoni t-Tielet Kwart tas-Sena tal-Financial Report 2019

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tat-tielet *Quarterly Financial Statements* Q2 (Lulju – Settembru, 2019) lis-Sindku u l-Kunsilliera kollha. Dan ġie approvat biex jiġi uploadjat.

14.8 Bord Evalwazzjoni Tender Steel

Is-Sindku qal illi l-bord għandu jkun iffurmat minn tlett persuni flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel illi l-bord ikun iffurmat mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mill-Kunsilier is-Sur Publio Abdilla.

Is-Sur Mark Cocker ikun bħala reserve.

14.09 Bord Evalwazzjoni Tender embellishment

Il-Kunsill qabel illi l-bord ikun iffurmat mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mill-Kunsilier is-Sur Publio Abdilla.

Is-Sur Mark Cocker ikun bħala reserve.

14.10 Bord Evalwazzjoni Interview ghall ingaġġ ta'Impjegat fi Skala 11 u ingaġġ għal librar

Is-Sindku qal illi l-bord għandu jkun iffurmat minn tlett persuni flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel illi l-bord ikun iffurmat mis-Sindku, mill-Viċi Sindku u mill-Kunsilier is-Sur Publio Abdilla.

Is-Sur Mark Cocker ikun bħala reserve. Il-Kunsill qabel illi l-interview isir nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru fid-9:00am.

14.11 Performance bonus għall impjegat li rrizejna

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi fil-bidu ta' Ottubru l-impjegat spiċċalu n-notice għalhekk dan ix-xahar kien ser jispiċċa minn fuq il-kotba tal-Kunsill. Hija spjegat illi mal-aħħar paga kien jinħtieġ illi noħorġu l-performance bonus ta' dan l-impjegat. Il-Kunsill iddiskuta l-performance tal-impjegat, il-kunsillier is-Sur Publio Abdilla propona li l-impjegat jimmeritah l-full, filwaqt illi s-Sindku ssekonda din id-deċiżjoni. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.12 Performance bonus CWSEF dicembru 2019

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat illi minn din is-sena l-Kunsill kellu jħallas l-performance bonus tal-ħaddiema tac-CWSEF. Is-Sindku qal li ma kienx kompletament kuntent bil-performance tal-ħaddiema ssuġerixxa illi l-Kunsill għandu jagħtihom l-anqas rata. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.13 Kuntratt ġdid għal Ground Attendant

Is-Sindku qal illi konna qbilna li noħorġu expression of interest sabiex ikollna ground attendant ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kellna offerta waħda biss, din l-offerta kienet għal 25% tal-logħob. Il-Kunsill qabel ma din l-offerta.

14.14 Attivitajiet Milied

Is-Sindku qal illi kien jaqbel sabiex nibdew naħsbu għal festi tal-Milied sabiex ma jaqax kollox fl-aħħar.

Il-Kunsill iddiskuta dawn l-attivitajiet u qabel illi:

Il-Gimgha 27 ta' Diċembru ser isir il-party tal-Milied tat-tfal.

Is-Sibt 28 ta' Diċembru, 2019, l-ikla tal-istaff.

il-Ħadd 5 ta' Jannar, 2019, l-ikla tal-anzjani.

14.15 Proġett Town Twinning (16-21 Jannar 2020)

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien reġa' rċieva invit għal Town Twinning fuq proġett ta' soliderjata li ser isir bejn is-16-21 ta' Jannar, 2020 fi Sqallija. Is-Sindku qal li għal din it-town twinning mistednin jattendu sitt persuni. Il-Kunsill qabel li għandna nattendu.

14.16 Proġetti Erasmus+ (Jannar 2020)

Is-Sindku qal illi konna mistednin nattendu għal żewġ proġetti oħra tal-Erasmus+. Huwa qal li wieħed mill-proġetti ser ikun bejn is- 7 – 13 ta' Jannar, 2020 li ser ikun F'Santiago di Compostelo għal żagħżagħ bejn it-18 u 30 sena għal 6 persuni, u ieħor bejn it- 13 u 19 ta' Jannar, 2020 li ser issir fi sqallija għal 5 żagħżagħ. Is-Sindku qal illi kull parteċipant għandu jħallas biss 100 Euro participation fee u qal ukoll li il-parteċipanti ser jintalbu jħallsu 100 euro oħra bħala garanzija li jieħduha lura wara li jiġu.

14.17 Skema Reġjun Nofsinhar Tiżjin dekorattiv għall-Milied

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi kienet ħarġet skema oħra fejn il-Kunsill kien ser jibbenfika minn 1000 Euros minħabba t-tiżjin tal-Milied. Hija qalet li dawn il-fondi nistgħu nużawhom jew għas-

servizz tal-armar inkella għax-xiri ta' xi tiżjin. Il-Kunsill qabel illi nipruvaw nixtra tiżjin ġdid li jkun addatat għal Triq San Pawl int u dieħel għal Triq San Guzepp.

14.18 Korrispondenza

14.18.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi konna rċivejna konferma minn Reġjun Nofsinhar illi l-proposti tagħna bħala attivitajiet għal meta l-Kunsill jagħmel użu mill-faċilitajiet tal-iskejjel u attivitajiet Kulturali, sportivi u mużikali kienu ġew milqugħa.

14.18.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet illi l-Kunsill kien irċieva inizjattiva minn Reġjun Nofsinhar fejn ir-Reġjun kien ser jgħin lill-Kunsill jixtri żewġ cameras. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva pero' ma kienx hemm qbil illi għandna nieħdu sehem.

14.19 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

14.20 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fil-9.22pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru, 2019 fil-5:00pm.

Johan Mula — Sindku

Doris Baldacchino — Segretarju Eżekuttiv